



24.6.2010

## AVVIŻ LILL-MEMBRI

Suġġett: Petizzjoni 0550/2008, imressqa mis-Sur Stewart Dalton ta' nazzjonalità Brittanika dwar protesta kontra l-pjanijiet biex jingħalaq l-Ajruport tal-Belt ta' Sheffield

### 1. Sommarju tal-petizzjoni

Il-petizzjonant joġġezzjona bil-qawwi kontra l-pjanijiet għall-għeluq tal-Ajruport tal-Belt ta' Sheffield, billi jargumenta li miżura bħal din tista' twaqqaf l-iżvilupp ta' Sheffield li kieku ssir l-akbar belt tal-UE mingħajr ajruport. Il-petizzjonant isostni li l-ajruport, mibni b'għajnuna finanzjarja tal-UE, huwa attwalment il-proprjetà ta' Peel Holdings. Il-petizzjonant jispjega li Peel Holdings hija proprjetarja wkoll tal-mitjar tal-RAF f'Finningley u għandha l-intenzjoni li terġa' tiftħu bħala ajruport kummerċjali. Skont il-petizzjonant, is-servizzi kummerċjali fl-ajruport ta' Sheffield bdew fl-1998 u waqfu fl-2002 minkejja l-fatt li d-dħul finanzjarju ma kienx mistenni f'inqas minn għaxar snin. Il-petizzjonant jikkontesta l-pretensjonijiet ta' Peel Holdings relatati mat-telf finanzjarju u jqis li mill-għeluq tal-ajruport ta' Sheffield jistgħu jibbenefikaw biss l-iżviluppaturi tal-proprjetà. Il-petizzjonant jitlob lill-Parlament Ewropew sabiex jinvestiga dan il-każ.

### 2. Ammissibilità

Iddikjarata ammissibbli fit-2 ta' Ottubru 2008. Il-Kummissjoni ġiet mistiedna biex tagħti informazzjoni (Artikolu 192(4) tar-Regoli ta' Proċedura).

### 3. Risposta tal-Kummissjoni, li waslet fl-20 ta' Marzu 2009.

Il-petizzjonant jargumenta li l-għeluq tal-Ajruport tal-Belt ta' Sheffield, jista' jwaqqaf l-iżvilupp ta' Sheffield li kieku ssir l-akbar belt tal-UE mingħajr ajruport. Il-petizzjonant isostni li l-ajruport huwa attwalment il-proprjetà ta' Peel Holdings li hija proprjetarja wkoll tar-Robin Hood Airport Doncaster Sheffield li jinsab fis-sit fejn qabel kien hemm il-mitjar tal-RAF

f'Finningley (li jinsab bejn iż-żewġt ibliet ta' Sheffield u Doncaster fin-nofsinar ta' Yorkshire) li fetaħ fl-2005 bħala ajruport internazzjonali<sup>1</sup>. Skont il-petizzjonant, is-servizzi kummerċjali fl-ajruport ta' Sheffield bdew fl-1998 u waqfu fl-2002 minkejja l-fatt li d-dħul finanzjarju ma kienx mistenni f'inqas minn għaxar snin. Il-petizzjonant jikkuntestaa l-pretensjonijiet ta' Peel Holdings relatati mat-telf finanzjarju u jqis li mill-għeluq tal-ajruport ta' Sheffield jistgħu jibbenefikaw l-iżviluppaturi tal-proprjetà biss.

L-Ajruport tal-Belt ta' Sheffield kien ajruport żgħir ħafna. Il-Eurostat ma għandux statistika rreġistrata tal-passiġġiera li użaw l-ajruport, minkejja li l-Istati Membri huma obbligati li jirrappurtaw it-traffiku lill-Eurostat għal kull ajruport b'aktar minn 15,000 passiġġier kull sena skont ir-Regolament (KE) Nru 437/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Frar 2003 dwar il-prospetti tal-istatistika rigward it-trasport tal-passiġġieri, il-merkanzija u l-posta bl-ajru.<sup>2</sup>

F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni nnutat li l-linji gwida Komunitarji tal-2005 dwar il-finanzjament tal-ajruporti rreferew għal studji li kkonkludew li ajruport jeħtieġ bejn 500,000 u 1,500,000 passiġġier kull sena biex ikollu bilanċ finanzjarju.<sup>3</sup> L-Ajruport tal-Belt ta' Sheffield kien mistenni li jagħmel telf b'runway ta' bejn wiehded u ieħor 1,200m u b'inqas minn 15,000 passiġġier kull sena, għalhekk l-allegazzjonijiet tas-sid li l-ajruport mhux iħalli qligħ huma x'aktarx korretti. Madankollu, fl-aħħar hija l-awtorità lokali li tiddeċiedi teħtieġx aktar infrastruttura tat-trasport jew le.

Il-Kummissjoni Ewropea tifhem bis-siħ il-perspettiva tal-petizzjonant, l-importanza tal-ajruporti għaċ-ċittadini u l-kompetittività tal-ekonomija lokali. Tixtieq tisħaq ukoll dwar l-importanza tal-iżvilupp tal-ħiliet tal-ajruporti fl-Ewropa. Madankollu, l-Istati Membri għandhom jagħżlu kif jorganizzaw is-sistemi tat-trasport tagħhom u waqt li jagħmlu hekk jeħtieġu li jqisu l-kompetizzjoni bejn l-ajruporti u l-vijabilità finanzjarja tal-impriżi tal-ajruport. Il-Komunità, li tassew tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' politika integrata tat-trasport skont il-prinċipji ta' proporzjonalità u sussidjarjetà, ma tistax tintervieni f'din iż-żona.

Ma jista' jiġi identifikat l-ebda ksur tal-liġi Komunitarja fis-sitwazzjoni deskritta fil-petizzjoni.

#### **4. Risposta tal-Kummissjoni, li waslet fl-24 ta' Ġunju 2010.**

Wara li analizzat l-aħħar żidiet mal-evidenza provduta mill-petizzjonanti l-Kummissjoni tqis li:

Il-petizzjoni tirrigwarda ajruport żgħir ħafna (Sheffield City) li, kif sostnew il-petizzjonanti nnifishom, ilu mill-2002 magħluq b'mod effettiv għat-traffiku kummerċjali kollu. Għalhekk, mhijiex kwistjoni li ajruport eżistenti jibqa' miftuħ, iżda li jerġa' jifetaħ wiehded magħluq. Fiż-żewġ każijiet dan xorta ma jagħmilx parti mill-kompetenzi tal-Kummissjoni Ewropea.

Tant hija qasira r-runway fl-ajruport ta' Sheffield City li lanqas l-ajruplani tal-passiġġieri

---

<sup>1</sup> It-traffiku attwali tal-passiġġiera f'dan l-ajruport huwa fl-ordni ta' 1.1 miljun fl-2007

<sup>2</sup> ĠU L 66, 11.3.2003, p. 1.

<sup>3</sup> ĠU L 312, 9.12.2005, p. 11. para 72.

reġjonali żgħira b'*turbo-prop* (skrun) ma jkun jistgħu jużawha. Il-petizzjonanti jindikaw li tip wieħed speċifiku tal-ajruplani tal-passiġġieri reġjonali b'*turboprop*, jiġifieri d-Dash 8 Q-400, jista' jużaha (u għal darba oħra, billi jaċċetta biss ċerti limitazzjonijiet ta' piż, bħal pereżempju li jivvjaġġa b'inqas fjuwil jew b'inqas passiġġieri abbord). Sabiex tingħata idea, ir-runway unika fl-Ajruport ta' Sheffield City għandha tul ta' 1211-il metru u wisa' ta' 30 metru, filwaqt li ajruport tipiku "bi prezzijiet irħas" ikollu runway b'tul ta' 2500 metru u wisa' ta' 45 metru.

Il-belt ta' Sheffield hija moqdija sew b'żewġ ajruporti effiċjenti: Doncaster Sheffield Robin Hood huwa 46 kilometru 'l bogħod (44 minuta ta' ħin ta' sewqan), u l-ajruport ċentrali ta' Manchester huwa 90 kilometru 'l bogħod (siegħa u kwart). *[Distanzi u ħinijiet ta' sewqan kif indikati f'[www.viamichelin.com](http://www.viamichelin.com)].* L-ajruport ta' Doncaster ikollu aktar minn miljun passiġġier kull sena u jaqdi 40 destinazzjoni, filwaqt li Manchester, li huwa wieħed mill-akbar ajruporti fir-Renju Unit, ikollu 'l fuq minn mitejn destinazzjoni madwar id-dinja.

Skont ir-regoli tat-TEN-T, il-bini ta' ajruport ġdid is-soltu jiġi ġġustifikat biss jekk ma jkun hemm l-ebda ajruport disponibbli f'raġġ ta' 100km.

L-istudju mwettaq mill-York Aviation (li ġie pprovdut mill-petizzjonanti bħala dokument ta' sostenn), li ġie kkummissjonat mill-Kunsill ta' Sheffield City, isostni b'mod ċar li f'bosta każijiet l-ajruport ta' Sheffield City ma jkunx vijabbli. Wieħed għandu jinnota wkoll li l-linji tal-ajru kollha li ġew ikkuntattjati fil-qafas tal-istudju ddikjaraw li mhumiex interessati (jew kapaċi) itiru lejn l-Ajruport ta' Sheffield City.

Fil-kunsiderazzjoni li s-sid tal-Ajruport ta' Sheffield City huwa wkoll is-sid tal-ajruport Robin Hood, minn perspettiva kummerċjali u tat-trasport, jidher li jagħmel sens li l-operazzjonijiet ikunu kkonċentriati fuq dan tal-aħħar. Dan l-ajruport, billi qabel kien bażi militari, għandu runway enormi b'tul ta' 2893 metru u wisa' ta' 60 metru. Barra minn hekk, l-ajruport Robin Hood huwa mgħammar b'Sistema ta' Nżul bi Strument (ILS) tal-kategorija III li tippermetti li jsiru operazzjonijiet anke f'kundizzjonijiet ta' viżibilità verament baxxa.

Wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet li ssemmev hawn fuq, il-Kummissjoni m'għandhiex l-intenzjoni li tiegħu azzjoni addizzjonali.